



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla Estiża)

7 ta' Diċembru 2022*

“Kompetizzjoni – Akkordji – Imballaġġ tal-ikel intiż għall-bejgħ bl-imnut – Deċiżjoni li temenda l-ammont ta’ multa – Modalitajiet tal-kalkolu tal-multa – Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur – Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi tal-2006 – Limitu massimu tal-multa – Proporzjonalità – Ugwaljanza fit-trattament – Kapaċità kontributtiva”

Fil-Kawża T-130/21,

CCPL - Consorzio Cooperative di Produzione e Lavoro SC, stabbilita f'Reggio d'Emilia (l-Italja),

Coopbox Group SpA, stabbilita f'Bibbiano (l-Italja),

Coopbox Eastern s.r.o., stabbilita f'Nové Mesto nad Váhom (is-Slovakkja),

irrappreżentati minn E. Cucchiara u E. Rocchi, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn P. Rossi u T. Baumé, bħala aġenti,

konvenut,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla Estiża),

komposta, matul deliberazzjonijiet, minn S. Papasavvas, President, M. J. Costeira, M. Kancheva, P. Zilgalvis (Relatur) u I. Dimitrakopoulos, Imħallfin,

Reġistratur: P. Nuñez Ruiz, Amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara li kkunsidrat id-digriet tat-22 ta' Lulju 2021, CCPL *et vs* Il-Kummissjoni (T-130/21 R, mhux ippubblikat, EU:T:2021:488),

wara s-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 Permezz tar-rikors tagħhom ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, CCPL – Consorzio Cooperative di Produzione e Lavoro SC, Coopbox Group SpA u Coopbox Eastern s.r.o., jitkolbu l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-17 ta' Diċembru 2020, C(2020) 8940 finali, (iktar 'il quddiem "id-deċiżjoni kkontestata") li tissostitwixxi l-multi stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2015) 4336 finali tal-24 ta' Ġunju 2015 relatata mal-proċediment skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39563 – L-ippakkjar tal-ikel bl-imnut) (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni tal-2015”).

Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-fatti sussegwenti għall-preżentata tar-rikors

- 2 Ir-rikorrenti huma kumpanniji li jagħmlu parti mill-grupp CCPL attivi, b'mod partikolari, fis-settur tal-imballaġġ tal-ikel.
- 3 CCPL hija kooperattiva li għandha, permezz ta' CCPL SpA, ishma f'kumpanniji operattivi, fosthom Coopbox Group u Coopbox Eastern.
- 4 Fl-24 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni Ewropea adottat id-deċiżjoni tal-2015, li permezz tagħha hija kkonstatat li kumpanniji attivi fis-settur tal-ippakkjar tal-ikel intiż għall-bejgħ bl-imnut kien, matul il-perijodu bejn l-2000 u l-2008, ipparteċipaw fħames ksur distinti tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE. Skont l-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni imponiet, konformement mal-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 u 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8 Volum 2, p. 205), multi għal ammont totali ta' EUR 33 694 000, b'mod partikolari, fuq ir-rikorrenti u fuq żewġ kumpanniji oħra li kienu jagħmlu parti fiż-żmien tal-grupp CCPL.
- 5 L-ammont finali ta' dawn il-multi ġie ffissat wara l-għoti tal-ħames kumpanniji kkonċernati, skont il-paragrafu 35 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2, iktar 'il quddiem il-“Linji gwida tal-2006”), ta' tnaqqis ta' 25 % tal-ammont finali tal-multi li l-Kummissjoni kellha timponi fuqhom, fid-dawl tal-kapaċitā kontributtiva mnaqqsa tagħhom.
- 6 Permezz ta' digriet tal-15 ta' Diċembru 2015, CCPL et vs Il-Kummissjoni (T-522/15 R, EU:T:2015:1012), il-President tal-Qorti Ĝeneralis ssospenda l-obbligu li tīgi kkostitwita favur il-Kummissjoni garanzija bankarja sabiex jiġi evitat l-irkupru immedjat tal-multi li kienew ġew imposti fuq il-ħames kumpanniji kkonċernati, bil-kundizzjoni, minn naħħa, li huma jħallsu lill-Kummissjoni s-somma ta' EUR 5 miljun kif ukoll id-dħul kollu ġġenerat mit-trasferment previst ta' ċerti ishma u, min-naħħa l-oħra, li huma jippreżentaw bil-miktub lil din tal-aħħar, it-tliet xhur kollha sal-adozzjoni tad-deċiżjoni fil-kawża prinċipali kif ukoll f'kull avveniment li jiista' jkollu influwenza fuq il-kapaċitā futura tagħhom li jħallsu l-multi imposti, rapport iddettaljat dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar inkluż fil-ftehim ta' ristrutturar tad-dejn konklużi mal-kredituri tagħhom (minn hawn 'il quddiem il-“pjan ta' ristrutturar”) [Anness A.27] u fuq l-ammont ta' dħul mill-bejgħ tal-assi tagħhom kemm fl-eżekuzzjoni kif ukoll “barra” dan il-pjan.

- 7 CCPL, li aġixxiet fisem il-ħames kumpanniji kkonċernati, għamlet ħasijiet provviżorji lill-Kummissjoni għal ammont totali ta' EUR 5 942 000.
- 8 Permezz ta' sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, CCPL *et vs* Il-Kummissjoni (T-522/15, mhux ippubblikata, EU:T:2019:500), il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, fir-rigward tad-determinazzjoni tat-tnaqqis tal-ammont tal-multi imposti fuq ħames kumpanniji kkonċernati mogħtija minħabba l-inkapaċċità kontributtiva, id-Deċiżjoni tal-2015 kienet ivvizzjata b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni. Konsegwentement, hija annullat l-Artikolu 2(1)(f) sa (h), (2)(d) u (e), u (4)(c) u (d) ta' din id-deċiżjoni.
- 9 Permezz ta' ittra tat-18 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni informat lil CCPL b'mod partikolari bl-intenzjoni tagħha li tadotta deċiżjoni ġdida li timponi multi fuq il-kumpanniji kkonċernati tal-grupp tagħha u stiednet lil dawn tal-aħħar jippreżentaw l-observazzjonijiet tagħhom.
- 10 Fl-20 ta' Settembru 2019, ir-rikorrenti ppreżentaw appell mis-sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, CCPL *et vs* Il-Kummissjoni (T-522/15, mhux ippubblikata, EU:T:2019:500).
- 11 Fl-4 ta' Ottubru 2019, il-kumpanniji kkonċernati talbu lill-Kummissjoni teżamina l-assenza ta' kapaċċità kontributtiva tagħhom, skont il-paragrafu 35 tal-Linji gwida tal-2006, bil-għan li jitnaqqas l-ammont tal-multi li hija setgħet tapplika fi tmiem il-proċedura pendent. Sabiex tevalwa din it-talba, il-Kummissjoni indirizzat lill-grupp CCPL talbiet għal informazzjoni skont l-Artikolu 18(1) u (2) tar-Regolament Nru 1/2003, li l-imsemmi grupp ta' segwitu għalihom.
- 12 Fis-7 ta' Ottubru 2019, il-Kummissjoni, b'eżekuzzjoni tas-sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, CCPL *et vs* Il-Kummissjoni (T-522/15, mhux ippubblikata, EU:T:2019:500), irrimborsat lil CCPL l-ammont ta' EUR 5 942 084 li din tal-aħħar kienet ittrasferixxiet lilha bħala ħlas provviżorju.
- 13 Fis-17 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata, li permezz tagħha hija, esenjalment, ċaħdet it-talba għal tnaqqis tal-ammont tal-multi inkwistjoni bbażata fuq assenza ta' kapaċità kontributtiva ppreżentata mir-rikorrenti u imponiet fuqhom multi li jammontaw għal total ta' EUR 9 441 000.
- 14 Permezz ta' digriet tal-20 ta' Jannar 2021, CCPL *et vs* Il-Kummissjoni (C-706/19 P, mhux ippubblikat, EU:C:2021:45), il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell tal-appellant bħala manifestament inammissibbli. Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat b'mod partikolari li r-rikorrenti jistgħu jinvokaw, jekk ikun il-każ, il-motivi u l-argumenti miċħuda mill-Qorti Ġeneralis fis-sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, CCPL *et vs* Il-Kummissjoni (T-522/15, mhux ippubblikata, EU:T:2019:500), fil-kuntest ta' eventwali rikors ġdid kontra d-deċiżjoni li kellha tīgi adottata wara l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża mill-Qorti Ġeneralis (digriet tal-20 ta' Jannar 2021, CCPL *et vs* Il-Kummissjoni, C-706/19 P, mhux ippubblikat, EU:C:2021:45, punt 26).
- 15 Permezz ta' digriet tat-22 ta' Lulju 2021, CCPL *et vs* Il-Kummissjoni (T-130/21 R, mhux ippubblikat, EU:T:2021:488), il-President tal-Qorti Ġeneralis ċaħad it-talba għal miżuri provviżorji tar-rikorrenti intiżra għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u rriżerva l-ispejjeż.

It-talbiet tal-partijiet

16 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ģeneralijogħġobha:

- tannulla l-multi li ġew imposta fuqhom fid-deċiżjoni kkontestata;
- sussidjarjament, tnaqqas l-ammont tal-multa;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

17 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ģeneralijogħġobha:

- tiċħad ir-rikors;
- tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

18 Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

19 L-ewwel motiv huwa bbażat, essenzjalment, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u fuq ksur tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament. It-tielet motiv huwa bbażat, essenzjalment, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni sa fejn il-Kummissjoni ma ġadix inkunsiderazzjoni d-data pprovduta mill-grupp CCPL insostenn tal-assenza ta' kapaċitā kontributtiva tagħha.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat, essenzjalment, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u fuq ksur tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003

20 Dan il-motiv jinqasam f'żewġ partijiet ibbażati, l-ewwel waħda, fuq insuffiċjenza ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda r-responsabbiltà tal-kumpannija omm tal-grupp CCPL minħabba l-aġir tal-kumpanniji tal-grupp CCPL u, it-tieni waħda, fuq il-ksur tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 sa fejn il-Kummissjoni bbażat ruħha b'mod żbaljat fuq il-preżunzjoni li CCPL eż-żeċċitat influwenza determinanti fuq il-kumpanniji tal-grupp CCPL.

Fuq l-ewwel parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq motivazzjoni insuffiċjenti tar-responsabbiltà tal-kumpannija omm tal-grupp CCPL minħabba l-aġir tal-kumpanniji ta' dan il-grupp

21 Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni, peress li ma tindikax ir-raġunijiet li għalihom ir-responsabbiltà tal-aġir ta' Coopbox Group u ta' Coopbox Eastern għiet imputata lil CCPL.

22 Il-Kummissjoni tikkontesta dan l-argument.

23 Hemm lok li jitfakkar li, il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE għandha turi b'mod ċar u mhux ekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni, l-awtur tal-att, b'mod li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjoni għall-miżura sabiex jiddefdu d-drittijiet tagħhom u

lill-qorti tal-Unjoni teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Settembru 2003, Volkswagen vs Il-Kummissjoni, C-338/00 P, Ġabra, EU:C:2003:473, punt 124 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 24 Barra minn hekk, meta deċiżjoni inizjali tal-Kummissjoni tkun ġiet emenda permezz ta' deċiżjoni li tipprevedi espliċitament li din tikkostitwixxi deċiżjoni li temenda din id-deċiżjoni, il-proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni ta' emenda hija estensjoni tal-proċedura li wasslet għad-deċiżjoni inizjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Lulju 2017, Toshiba vs Il-Kummissjoni, C-180/16 P, EU:C:2017:520, punt 22).
- 25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-motivazzjoni tad-deċiżjoni inizjali tista' tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-legalità tad-deċiżjoni li temenda, sakemm din ma tkunx ġiet affettwata minn sentenza ta' annullament u li ma hijiex kontradetta mill-formulazzjoni tad-deċiżjoni li temenda (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Jannar 2016, Toshiba vs Il-Kummissjoni, T-404/12, EU:T:2016:18, punt 95).
- 26 F'dan il-każ, mit-titolu u mill-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta espliċitament li din tikkostitwixxi deċiżjoni li temenda d-deċiżjoni tal-2015 fir-rigward tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti.
- 27 L-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata jimponi għalhekk multi fuq ir-rikorrenti għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-2015.
- 28 Barra minn hekk, ma huwiex allegat li l-elementi tad-deċiżjoni tal-2015 minbarra dawk relatati mal-kapaċità kontributtiva tar-rikorrenti ġew affettwati mis-sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, CCPL et vs Il-Kummissjoni (T-522/15, mhux ippubblikata, EU:T:2019:500), jew li hija kontradetta mid-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tar-responsabbiltà ta' CCPL minħabba ksur imwettaq mill-kumpannji tal-grupp CCPL, li huwa s-suġġett ta' dan il-motiv.
- 29 Minn dan isegwi li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 25 iktar 'il fuq, il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata għandha tinqara fid-dawl tad-Deċiżjoni tal-2015 f'dak li jikkonċerna r-responsabbiltà ta' CCPL minħabba ksur imwettaq mill-kumpannji tal-grupp CCPL.
- 30 Fil-premessa 848 tad-deċiżjoni tal-2015, il-Kummissjoni kkonstatat li CCPL kienet il-kumpannija li teżerċita kontroll tal-grupp CCPL matul it-tul kollu tal-ksur inkwistjoni u li l-parteċipazzjoni diretta jew indiretta tagħha f'entità waħda jew iktar, fosthom Coopbox Group, li pparteċipat direttament fil-ksur kienet ta' 100 % sat-18 ta' April 2006, imbagħad ta' 93.864 % bejn it-18 ta' April 2006 u t-tmiem tal-imsemmi ksur.
- 31 Fil-premessa 849 tad-deċiżjoni tal-2015, il-Kummissjoni qieset li sehem ta' 93.864 % kien suffiċjenti sabiex jiġi preżjunt li kumpannija parent kienet teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha. Hija ppreċiżat ukoll li għalkemm, għaliha, il-preżunzjoni ta' influwenza determinanti kienet suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-entitajiet ikkonċernati, din il-preżunzjoni kienet imsaħħa mill-analiżi tar-rabtiet legali, personali u ekonomiċi eżistenti bejn l-entitajiet li jagħmlu parti mill-impriżza kkonċernata, imwettqa fil-premessi 850 sa 855 tal-istess deċiżjoni.
- 32 Issa, dawn l-elementi huma ta' natura li jippermettu lir-rikorrenti jifhmu l-evalwazzjoni li wasslet lill-Kummissjoni sabiex tikkonstata r-responsabbiltà ta' CCPL minħabba ksur imwettaq mill-kumpannji tal-grupp CCPL u lill-Qorti Ġenerali li tistħarreġ il-fondatezza ta' dawn il-motivi.

- 33 L-argument tar-rikorrenti dwar motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjoni kkontestata f'dak li jikkonċerna r-responsabbiltà ta' CCPL minħabba ksur imwettaq mill-kumpanniji tal-grupp CCPL għandu għalhekk jiġi miċħud.

Fuq it-tieni parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq il-ksur tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 sa fejn il-Kummissjoni bbażat ruħha b'mod żbaljat fuq il-preżunzjoni li CCPL eżerċitat influwenza determinanti fuq il-kumpanniji tal-grupp CCPL

- 34 Ir-rikorrenti jqisu, essenzjalment, li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi żbalji ta' liġi u bi żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn il-Kummissjoni bbażat ruħha, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, fuq il-preżunzjoni li CCPL kienet eżerċitat influwenza determinanti fuq il-kumpanniji tal-grupp CCPL.

- 35 Il-Kummissjoni tikkontesta dan l-argument.

- 36 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni tista', permezz ta' deċiżjoni timponi multi fuq l-impriża u fuq l-assoċjazzjonijiet tal-impriżi meta, jew intenzjonalment jew b'negliżenza jiksru d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 101 TFUE.

- 37 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-kunċett ta' impriża jkopri kull entità li teżerċita attivitā ekonomika, indipendentement mill-istatus ġuridiku ta' din l-entità u mill-mod ta' finanzjament tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja spċifikat, minn naħa, li l-kunċett ta' impriża, ikkunsidrat f'dan il-kuntest, kellu jinftiehem fis-sens li jirreferi għal unità ekonomika, anki jekk, mill-perspettiva ġuridika, din l-unità ekonomika tkun ikkostitwita minn diversi persuni fiziċċi jew ġuridiċi u, min-naħa l-oħra, li, meta tali entità ekonomika tikser ir-regoli tal-kompetizzjoni, hija għandha, skont il-prinċipju ta' responsabbiltà personali, twieġeb għal tali ksur (ara s-sentenza tad-29 ta' Settembru 2011, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, C-521/09 P, Ġabra, EU:C:2011:620, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 38 Barra dan, l-aġir ta' sussidjarja jista' jiġi imputat lill-kumpannija omm b'mod partikolari meta, minkejja li jkollha personalità ġuridika distinta, din is-sussidjarja ma tiddeterminax b'mod awtonomu l-aġir tagħha fis-suq iż-żda tapplika essenzjalment l-istruzzjonijiet mogħtija lilha mill-kumpannija omm, fid-dawl b'mod partikolari tal-konnessjonijiet ekonomiċi, organizzattivi u legali bejn dawn iż-żewġ entitajiet ġuridiċi (ara s-sentenza tas-27 ta' Jannar 2021, The Goldman Sachs Group vs Il-Kummissjoni, C-595/18 P, EU:C:2021:73, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 39 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta wkoll li, fil-każ spċifiku fejn kumpannija omm ikollha direttament jew indirettament it-totalità jew il-kważi totalità tal-kapital tas-sussidjarja tagħha li tkun wettqet ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, minn naħa, din il-kumpannija omm tista' teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir ta' din is-sussidjarja u, min-naħa l-oħra, teżisti preżunzjoni konfutabbi li l-imsemmija kumpannija omm teżerċita effettivament tali influwenza. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa biżżejjed li l-Kummissjoni turi li t-totalità jew il-kważi totalità tal-kapital ta' sussidjarja tkun miżmura mill-kumpannija omm tagħha sabiex ikun jista' jiġi preżunt li din tal-aħħar teżerċita effettivament influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali ta' din is-sussidjarja. Sussegwentement, il-Kummissjoni tkun tista' tqis li l-kumpannija parent hija responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-multa imposta fuq is-sussidjarja tagħha, sakemm din il-kumpannija omm, li fuqha jaqa' l-kompli li tirribatti din il-preżunzjoni, ma tipproduċix provi suffiċjenti sabiex turi li s-sussidjarja tagħha taġixxi b'mod awtonomu fis-suq (ara s-sentenza tas-27 ta' Jannar 2021, The Goldman Sachs Group vs Il-Kummissjoni, C-595/18 P, EU:C:2021:73, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 40 Sakemm ma tiġix ikkonfutata, tali preżunzjoni timplika, għaldaqstant, li l-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti mill-kumpannija omm fuq is-sussidjarja tagħha jitqies li huwa stabbilit u huwa l-bażi li fuqha l-Kummissjoni żżomm lil din tal-ewwel responsab bli għall-aġir tat-tieni, mingħajr ma jkollha għalfnejn tipproduc kwalunkwe prova addizzjonali. L-implementazzjoni tal-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti b'hekk ma hijiex suġġetta għall-produzzjoni ta' indizji supplimentari dwar l-eżerċizzju effettiv ta' influwenza tal-kumpannija omm (ara s-sentenza tas-27 ta' Jannar 2021, The Goldman Sachs Group vs Il-Kummissjoni, C-595/18 P, EU:C:2021:73, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 41 Barra minn hekk, il-Kummissjoni bl-ebda mod ma hija obbligata li tibbaża ruħha eskluziżvament fuq l-imsemmija preżunzjoni. Fil-fatt, xejn ma jipprekludi lil din l-istituzzjoni milli tistabbilixxi l-eżerċizzju effettiv, minn kumpannija omm, ta' influwenza determinanti fuq is-sussidjarja tagħha permezz ta' provi oħra jew permezz ta' kombinazzjoni ta' tali provi mal-imsemmija preżunzjoni (ara s-sentenza tas-27 ta' Jannar 2021, The Goldman Sachs Group vs Il-Kummissjoni, C-595/18 P, EU:C:2021:73, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 42 F'dan il-każ, għandu jitfakkar li, fil-premessa 846 tad-deċiżjoni tal-2015, il-Kummissjoni indikat li, sabiex tiġi attribwita r-responsabbiltà għall-ksur inkwistjoni lil CCPL bħala kumpannija omm, hija kienet użat il-preżunzjoni ta' responsabbiltà li tgħid li CCPL kienet eżerċitat influwenza determinanti matul il-perijodu (jew il-perijodi) fejn tal-inqas entità direttament involuta fil-ksur kienet kompletament (jew kważi kompletament) ikkontrollata minn din il-kumpannija omm.
- 43 Kif tfakkar fil-punti 30 u 31 iktar 'il fuq, fid-deċiżjoni tal-2015, il-Kummissjoni kkonstatat li CCPL kienet il-kumpannija li teżerċita kontroll tal-grupp CCPL matul it-tul kollu tal-ksur u li l-parċeċipazzjoni diretta jew indiretta tagħha f'waħda jew f'diversi entitajiet ta' dan il-grupp parteċipanti direttament fil-ksur kienet suffiċjenti sabiex jiġi preżunt li hija kienet teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha. Il-Kummissjoni ppreċiżat ukoll li, għalkemm, għaliha, il-preżunzjoni ta' influwenza determinanti kienet suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-entitajiet ikkonċernati, din il-preżunzjoni kienet imsaħħha mill-analiżi tar-rabtiet ġuridiċi, personali u ekonomiċi eżistenti bejn l-entitajiet li jagħmlu parti mill-impriża kkonċernata.
- 44 Fost l-elementi li juru r-rabtiet ġuridiċi, personali u ekonomiċi eżistenti bejn l-entitajiet li jagħmlu parti mill-impriża kkonċernata, il-Kummissjoni semmiet b'mod partikolari li CCPL setgħet taħtar il-membri kollha tal-bord tad-diretturi, kif ukoll l-amministratur delegat ta' CCPL SpA, li CCPL kienet tapprova l-bagħit ta' CCPL SpA u kienet tiddetermina b'mod espliċitu r-responsabbiltajiet tal-amministraturi, li l-bord tad-diretturi ta' CCPL SpA kellu tal-iktar setgħat ta' ġestjoni ordinarji tal-impriża u kien jaħtar president, responsab bli biex jiżgura l-orientazzjoni strateġika tal-kumpanija billi jiżgura l-eżekuzzjoni korretta tad-deċiżjonijiet tal-bord tad-diretturi, li l-ftiehim tal-azzjonisti irrikonoxxi b'mod espliċitu li CCPL kellha sehem ta' kontroll f'CCPL SpA, li l-interessi minoritarji tal-azzjonisti ma gawdex minn ebda drittijiet speċjal u li s-6.14 % li jifdal tal-kapital ta' CCPL SpA kien miżimum mill-azzjonisti li kienu proprjetarji ta' CCPL stess. Hija rrilevat ukoll li l-istess mudell ta' impriża kien jgħodd għal Coopbox Group.
- 45 F'dan il-kuntest, fl-Artikolu 1.1 tad-deċiżjoni tal-2015, il-Kummissjoni qieset li Coopbox Group u CCPL kienu kisru l-Artikolu 101 TFUE billi pparteċipaw, mit-18 ta' Ġunju 2002 sas-17 ta' Diċembru 2007, fi ksur uniku u kontinwu, ikkostitwit minn diversi atti ta' ksur distinti, relatati ma' kontenituri tal-polistiren intiżi għas-settur tal-ippakkjar tal-ikel għall-bejgħ bl-imnut u li jkopru t-territorju tal-Italja.

- 46 Fl-Artikolu 1.4 tad-Deċiżjoni tal-2015, il-Kummissjoni qieset li CCPL, mit-8 ta' Diċembru 2004 sal-24 ta' Settembru 2007, u Coopbox Eastern, mill-5 ta' Novembru 2004 sal-24 ta' Settembru 2007, kisru l-Artikolu 101 TFUE billi pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu, ikkostitwit minn diversi ksur distinti, relatati ma' kontenituri tal-polistiren intiżi għas-settural-ippakkjar tal-ikel għall-bejgħ bl-imnut u li jkopru t-territorju tar-Repubblika Ċeka, tal-Ungjerja, tal-Polonja u tas-Slovakkja.
- 47 Fuq din il-bażi, fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni imponiet, għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 1.1 tad-deċiżjoni tal-2015, multa ta' EUR 4 627 000 *in solidum* fuq Coopbox Group u CCPL, għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 1.2 tad-deċiżjoni tal-2015, multa ta' EUR 4 010 000 fuq CCPL u, għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 1.4 tad-deċiżjoni tal-2015, multa ta' EUR 789 000 flimkien u *in solidum* fuq Coopbox Eastern, u fuq CCPL, kif ukoll multa ta' EUR 15000 fuq Coopbox Eastern.
- 48 Hija għalhekk żammet lil CCPL responsabbi matul it-tul kollu tal-ksur minħabba, b'mod partikolari, il-parteċipazzjoni diretta jew indiretta tagħha f'entità waħda jew iktar tal-grupp CCPL.
- 49 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball ta' li ġiġi meta imputat lil CCPL prattiki implementati minn Coopbox Group u minn Coopbox Eastern, li CCPL għandha permezz ta' CCPL SpA, mingħajr ma kkonstatat ksur fir-rigward ta' CCPL SpA.
- 50 Madankollu, mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 38 iktar 'il fuq jirriżulta li l-aġir ta' sussidjarja jiġi imputat lill-kumpannija omm b'mod partikolari meta, għalkemm ikollha personalità ġuridika distinta, din is-sussidjarja ma tiddeterminax b'mod awtonomu l-aġir tagħha fis-suq, iżda essenzjalment tapplika l-istruzzjonijiet li tingħata mill-kumpannija omm, fid-dawl b'mod partikolari tar-rabtiet ekonomiċi, organizzazzjonali u legali li jgħaqqu l-konċerni jikkostitwixxu impriżza waħda, fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE (sentenza tad-29 ta' Settembru 2011, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, C-521/09 P, Ġabra, EU:C:2011:620, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fi kliem ieħor, ma hijiex neċċesarjament relazzjoni ta' instigazzjoni fir-rigward tal-ksur bejn il-kumpannija omm u s-sussidjarja u lanqas ma huwa, iktar u iktar, involviment tal-ewwel waħda fl-imsemmi ksur, li jippermettu lill-Kummissjoni tindirizza d-deċiżjoni li timponi multi lill-kumpannija omm, iżda huwa l-fatt li l-kumpanniji kkonċernati jikkostitwixxu impriżza waħda, fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE (sentenza tad-29 ta' Settembru 2011, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, C-521/09 P, EU:C:2011:620, punt 88).
- 51 F'tali sitwazzjoni, peress li l-kumpannija omm u s-sussidjarja tagħha jagħmlu parti mill-istess unità ekonomika u għalhekk jifformaw impriżza waħda fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE, il-Kummissjoni tista' tindirizza deċiżjoni li timponi multi lill-kumpannija omm mingħajr ma jkun meħtieġ li tistabbilixxi l-involviment personali ta' din tal-aħħar fil-ksur (ara s-sentenza tad-29 ta' Settembru 2011, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, C-521/09 P, Ġabra, EU:C:2011:620, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fi kliem ieħor, ma hijiex neċċesarjament relazzjoni ta' instigazzjoni fir-rigward tal-ksur bejn il-kumpannija omm u s-sussidjarja u lanqas ma huwa, iktar u iktar, involviment tal-ewwel waħda fl-imsemmi ksur, li jippermettu lill-Kummissjoni tindirizza d-deċiżjoni li timponi multi lill-kumpannija omm, iżda huwa l-fatt li l-kumpanniji kkonċernati jikkostitwixxu impriżza waħda, fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE (sentenza tad-29 ta' Settembru 2011, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, C-521/09 P, EU:C:2011:620, punt 88).
- 52 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza, il-preżunzjoni msemmija fil-punt 39 iktar 'il fuq tapplika wkoll meta l-kumpannija omm iżżomm il-kapital tas-sussidjarja tagħha, mhux direttament, iżda permezz ta' kumpanniji oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Jannar 2011, General Química et vs Il-Kummissjoni, C-90/09 P, EU:C:2011:21, punt 86; tat-8 ta' Mejju 2013, Eni vs Il-Kummissjoni, C-508/11 P, EU:C:2013:289, punti 48 u 49, u tal-15 ta' Lulju 2015, GEA Group vs Il-Kummissjoni, T-45/10, mhux ippubblikata, EU:T:2015:507, punt 142).
- 53 Għalhekk mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-Kummissjoni tista' timputa r-responsabbiltà tal-aġir tas-sussidjarji miżmura indirettament minn kumpannija omm lil din il-kumpannija, anki mingħajr ma tikkonstata ksur fir-rigward tal-kumpanniji intermedjarji.

- 54 Fil-fatt, il-fatt li tali sussidjarji huma miżmuma permezz ta' kumpannija li lilha ma huwa imputat l-ebda ksur ma jikkonfutax il-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv, mill-kumpannija omm, minħabba l-parteċipazzjoni indiretta tagħha f'dawn is-sussidjarji, ta' influwenza determinanti fuq l-agħir tal-imsemmija sussidjarji.
- 55 Mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 37 iktar 'il fuq jirriżulta wkoll li hija unità ekonomika kkostitwita minn diversi persuni fiżiċi jew ġuridiċi li tikser ir-regoli tal-kompetizzjoni, skont il-prinċipju tar-responsabbiltà personali, li għandha twieġeb għal dan il-ksur.
- 56 Kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, ma jistax għalhekk jitqies li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata bi ksur tal-prinċipju ta' responsabbiltà personali sa fejn CCPL inżammet responsabbi għal ksur li hija ma wettqitx u li ma ġietx imputata lill-entità li permezz tagħha hija kellha l-entità li wettqet il-ksur.
- 57 Konsegwentement, id-deċiżjoni kkontestata ma hijiex ivvizzjata bi żball ta' liġi sa fejn il-Kummissjoni imputat lil CCPL prattiki implementati minn Coopbox Group u minn Coopbox Eastern, li CCPL għandha permezz ta' CCPL SpA, mingħajr ma kkonstatat ksur fir-rigward ta' CCPL SpA.
- 58 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-preżunzjoni ta' responsabbiltà ta' CCPL għall-agħir tal-kumpanniji tal-grupp CCPL ma kinitx applikabbi, peress li CCPL kellha biss sehem ta' 93.864 % f'CCPL SpA mit-18 ta' April 2006 sat-tmiem tal-perijodu tal-ksur.
- 59 Madankollu, il-kumpannija omm li żżomm kważi l-kapital kollu tas-sussidjarja tagħha tinsab, bħala prinċipju, f'sitwazzjoni analoga għal dik ta' proprjetarju esklużiv, fir-rigward tas-setgħha tagħha li teżerċita influwenza determinanti fuq l-agħir tas-sussidjarja tagħha, fid-dawl tal-konnessjoniet ekonomiċi, organizazzivi u legali li jorbtuha ma' din is-sussidjarja. Konsegwentement, il-Kummissjoni għandha d-dritt li tapplika fir-rigward ta' din is-sitwazzjoni l-istess sistema probatorja, jiġifieri li tirrikorri għall-preżunzjoni li din il-kumpannija omm għamlet użu effettiv mis-setgħha tagħha li teżerċita influwenza determinanti fuq l-agħir tas-sussidjarja tagħha. Ċertament, ma huwiex esklużiv li, f'ċerti każiġiet, l-azzjonisti minoritarji jista' jkollhom, fir-rigward tal-kumpannija sussidjarja, drittijiet li jippermettu li titpoġġa f'dubju l-analoġija msemmija hawn fuq.
- 60 Issa, minn naħħa, minħabba l-parteċipazzjoni tagħha ta' 93.864 % fil-kapital ta' CCPL SpA, CCPL kellha, matul il-perijodu bejn it-18 ta' April 2006 u tmiem il-perijodu tal-ksur, kważi l-kapital kollu ta' CCPL SpA. Min-naħħa l-oħra, ir-rikorrenti ma jallegawx u, *a fortiori*, ma jurux li l-azzjonisti minoritarji kellhom, fir-rigward ta' CCPL SpA, drittijiet li jippermettu li tiġi kkontestata l-preżunzjoni ta' eżerċizzju effettiv, minn CCPL, ta' influwenza determinanti fuq l-agħir ta' din is-sussidjarja.
- 61 Minn dan jirriżulta li d-deċiżjoni kkontestata ma hijiex ivvizzjata bi żball ta' liġi sa fejn il-Kummissjoni użat il-preżunzjoni ta' responsabbiltà ta' CCPL għall-agħir tal-kumpanniji tal-grupp CCPL matul il-perijodu li matulu CCPL kellha biss sehem ta' 93.864 % f'CCPL SpA.
- 62 Fit-tielet lok, l-argument li jgħid li l-Kummissjoni ma setgħetx tuża l-preżunzjoni ta' responsabbiltà ta' CCPL għall-agħir tal-kumpanniji tal-grupp CCPL sa fejn, waqt l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-2015, is-sehem ta' CCPL fil-kapital ta' CCPL SpA kien għadu tnaqqas għal madwar 90 % għandu jiġi miċħud.

- 63 Fil-fatt, l-applikazzjoni tal-preżunzjoni li tippermetti li l-aġir ta' sussidjarja jiġi imputat lill-kumpannija omm tagħha timplika li r-responsabbiltà tal-kumpannija omm tirriżulta mill-aġir tas-sussidjarja tagħha matul il-perijodu li matulu twettaq il-ksur, b'tali mod li l-ammont tal-parċeċipazzjoni tal-kumpannija omm fis-sussidjarja tagħha fid-data tad-deċiżjoni li tikkonsta ksur hija irrilevanti.
- 64 Fir-raba' lok, minn naħa, ir-rikorrenti jsostnu li hija l-Kummissjoni li għandha turi l-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti ta' CCPL fuq il-kumpanniji tal-grupp CCPL peress li hija kienet ibbażat ruħha kemm fuq il-preżunzjoni ta' eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti kif ukoll fuq sensiela ta' elementi.
- 65 Madankollu, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 40 iktar 'il fuq, l-implimentazzjoni tal-preżunzjoni ta' eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti ma hijiex suġġetta għall-produzzjoni ta' indizji supplimentari dwar l-eżerċizzju effettiv ta' influwenza tal-kumpannija omm.
- 66 Mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 41 iktar 'il fuq jirriżulta wkoll li xejn ma jipprekludi lill-Kummissjoni milli tistabbilixxi l-eżerċizzju effettiv, minn kumpannija omm, ta' influwenza determinanti fuq is-sussidjarja tagħha permezz ta' provi oħra jew permezz ta' kombinazzjoni ta' tali elementi mal-imsemmija preżunzjoni.
- 67 Għaldaqstant, kunrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, il-fatt li l-Kummissjoni rrilevat diversi elementi intiżi sabiex isaħħu l-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' influwenza determinanti ta' CCPL fuq il-kumpanniji tal-grupp CCPL ma kienx jimponi fuqha oneru tal-prova ogħla milli kieku hija llimitat ruħha li tuża l-preżunzjoni ta' eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti.
- 68 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti jqisu li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn il-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti kellha tiġi kkonfutata, peress li CCPL ma kinitx teżerċita effettivament influwenza determinanti fuq il-kumpanniji tal-grupp CCPL, mhux biss għall-perijodu li fih hija kellha l-kapital azzjonarju kollu tal-entitajiet tal-grupp CCPL involuti fil-ksur, iżda wkoll meta l-parċeċipazzjoni ta' CCPL kienet inqas minn 100 %.
- 69 Insostenn ta' dan l-argument, ir-rikorrenti jindikaw li CCPL waqqfet kull attivitā ta' ġestjoni fis-settur tal-pakketti tal-ikel u tat lill-kumpanniji tal-grupp CCPL responsabbi minn dan is-settur awtonomija kompleta fil-qasam tal-produzzjoni u fil-qasam kummerċjali, industrijali u tal-ġestjoni. Huma jindikaw ukoll, essenzjalment, li l-amministratur delegat ta' Coopbox Group jiddefinixxi b'indipendenza sħiħa l-politiki ta' ġestjoni kummerċjali u strateġika tal-kumpannija.
- 70 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jiddikjaraw li CCPL hija kumpannija kooperattiva li taġixxi prinċipalment bħala azzjonista u li għandha ishma fil-kumpanniji operattivi permezz ta' CCPL SpA, li r-rwol tagħha ta' subholding ma jinkludi ebda involviment fil-ġestjoni operazzjonali u kurrenti tal-kumpanniji li hija tikkontrolla, u li CCPL ma għandha l-ebda rwol attiv fil-ġestjoni kurrenti tal-kumpanniji tal-grupp CCPL.
- 71 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jenfasizzaw li CCPL kienet il-kumpannija li teżerċita kontroll ta' grupp ta' impriżi li joperaw f'sitt setturi ta' attivitā differenti, li la Coopbox Group u lanqas ebda waħda mill-kumpanniji l-oħra implikati fil-ksur inkwistjoni qatt ma informaw lil CCPL dwar l-attivitajiet illegali, u lanqas aġixxew bl-awtorizzazzjoni minn qabel tagħha.

- 72 Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-ebda wieħed mit-tliet membri tal-bord tad-diretturi ta' CCPL li kienu simultanjament membri tal-bord tad-diretturi tal-kumpanniji tal-grupp CCPL ma eżerċita funzjoni operazzjonali fi ħdan dawn tal-aħħar jew ipparteċipa, direttament jew indirettament, fil-laqgħat mal-impriżi kompetituri.
- 73 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, l-ewwel, li, sabiex tikkonfuta l-preżunzjoni ta' influenza determinanti, kumpannija omm għandha, fil-kuntest ta' rikorsi diretti kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni, tissottometti għall-evalwazzjoni tal-qorti tal-Unjoni kull prova relatata mar-rabtiet organizzattivi, ekonomiċi u ġuridiċi bejnha u s-sussidjarja tagħha b'tali mod li turi li huma ma jikkostitwixx entità ekonomika waħda (ara s-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2016, Evonik Degussa u AlzChem vs Il-Kummissjoni, C-155/14 P, EU:C:2016:446, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 74 Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-indipendenza operattiva ma tipprovax, fiha nnifisha, li sussidjarja tiddefinixxi l-aġir tagħha fis-suq b'mod indipendent mill-kumpannija omm tagħha. Id-diviżjoni tal-kompli bejn is-sussidjarji u l-kumpanniji omm tagħhom, u b'mod partikolari l-fatt li t-tmexxija operattiva tīgi fdata lid-diretturi lokali ta' sussidjarja, hija prattika abitwali tal-impriżi ta' daqs kbir u komposti minn numru kbir ta' sussidjarji miżmuma, ultimamente, mill-istess kumpannija li teżerċita kontroll (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2014, RWE u RWE Dea vs Il-Kummissjoni, T-543/08, EU:T:2014:627, punt 49 u l-ġurisprudenza ċxitata).
- 75 Barra minn hekk, il-fatt li CCPL SpA ma kinitx tagħti istruzzjonijiet lil CCPL SpA, lil Coopbox Group u lanqas lil Coopbox Eastern dwar l-akkordji inkwistjoni jew li hija ma kellhiex għarfien tal-imsemmija akkordji ma huwiex, bħala tali, skont il-ġurisprudenza, ta' natura li tikkonfuta l-preżunzjoni ta' influenza determinanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Ori Martin u SLM vs Il-Kummissjoni, C-490/15 P u C-505/15 P, mhux ippubblikata, EU:C:2016:678, punti 59 u 60).
- 76 Minn dan isegwi li l-affermazzjonijiet, li barra minn hekk ma humiex issostanzjati, li CCPL temmet kull attivitā ta' ġestjoni fis-settur tal-ippakkjar tal-ikel u tat lill-kumpanniji tal-grupp CCPL responsabbi minn dan is-settur awtonomija kompleta, mingħajr ma hija jew CCPL SpA għandhom ebda rwol attiv fil-ġestjoni kurrenti ta' Coopbox Group u ta' Coopbox Eastern, ma jistgħux jikkonfutaw il-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influenza determinanti.
- 77 It-tieni, għandu jitfakkar li l-qorti tal-Unjoni tqis li r-rappreżentazzjoni tal-kumpannija omm fil-korpi ta' tmexxija tas-sussidjarja tagħha tikkostitwixxi prova rilevanti tal-eżerċizzju ta' kontroll effettiv fuq il-politika kummerċjali tagħha (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Societel u Companhia Preidente vs Il-Kummissjoni, T-413/10 u T-414/10, EU:T:2015:500, punt 213 u l-ġurisprudenza ċxitata).
- 78 L-argumenti tar-rikorrenti dwar l-assenza ta' rwol operattiv tat-tliet membri tal-Bord tad-Diretturi ta' CCPL li kienu kontemporanljament membri tal-bord tad-diretturi tal-kumpanniji tal-grupp CCPL għandhom għalhekk jiġi miċħuda.
- 79 Għall-istess raġuni, l-argument li l-ebda wieħed mid-dokumenti inklużi fil-fajl ta' din il-proċedura ma jinkludi informazzjoni dwar l-involvement ta' dawn il-membri tal-bord tad-diretturi ta' CCPL fl-aktivitajiet ta' ġestjoni ta' xi waħda mill-kumpanniji tal-grupp CCPL għandu wkoll jiġi miċħud.

- 80 It-tielet, meta kumpannija omm tista' titqies li hija responsabbli għal ksur imwettaq minn sussidjarja, anki meta jkun hemm numru kbir ta' kumpanniji operattivi fi grupp (ara s-sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, Shell Petroleum et vs Il-Kummissjoni, T-343/06, EU:T:2012:478, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata), il-fatt li CCPL kienet il-kumpannija ewlenija ta' grupp ta' impriżi li joperaw f'sitt setturi ta' attività differenti ma jipprekludix li jiġi imputat lilha l-ksur ta' Coopbox Group u ta' Coopbox Eastern.
- 81 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, l-elementi mressqa mir-rikorrenti, bħala tali, ma humiex suffiċjenti sabiex jikkonfutaw il-preżunzjoni applikata mill-Kummissjoni li CCPL kienet teżerċita influwenza determinanti fuq il-kumpanniji tal-grupp CCPL.
- 82 Konsegwentement, it-tieni parti tal-ewwel motiv ma hijiex fondata u l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' trattament ugħwali

- 83 Skont ir-rikorrenti, essenzjalment, id-deċiżjoni kkontestata tmur kontra l-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' ekwitā, ta' individwalizzazzjoni u ta' gradazzjoni tal-multi, ta' razzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament sa fejn il-Kummissjoni applikat b'mod separat, għal kull ksur, il-limitu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ iffissat fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 u sa fejn dan il-metodu ta' applikazzjoni tal-limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ wassal lill-Kummissjoni sabiex timponilhom multi ferm ogħla mill-multi imposti fuq l-impriżi kkonċernati l-oħra.
- 84 Il-Kummissjoni tikkontesta dan l-argument.
- 85 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-applikazzjoni fid-deċiżjoni kkontestata tal-limitu massimu ta' 10 % b'mod separat għal kull ksur, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, għal kull impriżja li tipparteċipa fil-ksur, il-multa ma taqbiżx 10 % tad-dħul mill-bejgħ totali tagħha mwettaq matul is-sena kummerċjali preċedenti.
- 86 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza, il-klassifikazzjoni ta' ġertu aġiर illegali bħala li jikkostitwixxu ksur wieħed jew l-istess ksur, jew li jikkostitwixxu għadd ta' ksur distint ma hijiex, fil-prinċipju, mingħajr konsegwenzi fuq is-sanzjoni li tista' tīgi imposta, peress li l-konstatazzjoni ta' għadd ta' ksur distint tista' twassal għall-impożizzjoni ta' għadd ta' multi distinti, kull darba fil-limiti ffissati fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, jiġifieri mhux iktar minn 10 % tat-total ta' valur tal-bejgħ fis-sena finanzjarja qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni (ara s-sentenza tas-6 ta' Frar 2014, AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, T-27/10, EU:T:2014:59, punt 230 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 87 Apparti dan, il-Kummissjoni tista' tikkonstata, f-deċiżjoni waħda, żewġ każijiet ta' ksur distinti u timponi żewġ multi fejn l-ammont totali jaqbeż il-limitu ta' 10 % stabbilit fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, sa fejn l-ammont ta' kull multa ma jaqbiżx l-imsemmi limitu. Fil-fatt, huwa irrilevanti, għall-applikazzjoni tal-imsemmi limitu ta' 10 %, li ksur differenti għar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jkunu ssanzjonati fi proċedura unika jew fi proċeduri separati, fi żminijiet differenti, peress li l-limitu massimu ta' 10 % jaapplika għal kull ksur tal-Artikolu 101 TFUE (ara s-sentenza tas-6 ta' Frar 2014, AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, T-27/10, EU:T:2014:59, punti 231 sa 232).

- 88 Peress li l-applikazzjoni tal-limitu ta' 10 % b'mod separat għal kull ksur hija konformi mal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 kif interpretat mill-ġurisprudenza, dan l-argument tar-rikorrenti ma huwiex ta' natura li juri li d-deċiżjoni kkontestata tmur kontra l-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' ekwità, ta' individwalizzazzjoni u ta' gradazzjoni tal-multa, ta' razzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament.
- 89 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-proporzjon tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti meta mqabbla mad-dħul mill-bejgħ globali tagħhom, li huwa nettament ikbar minn dak tal-multi imposti fuq l-impriżi l-oħra kkonċernati, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, ma jmurx kontra l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament li, b'applikazzjoni tal-metodu ta' kalkolu tal-multi previst fil-Linji Gwida tal-2006, impriża li tīgi imposta fuqha multa, tkun tirrappreżenta proporzjon tad-ħul mill-bejgħ globali tagħha li huwa ogħla minn dak irrappreżentat mill-multi imposti rispettivament fuq kull waħda mill-impriżi l-oħra. Fil-fatt, huwa inerenti għal dan il-metodu ta' kalkolu, li ma huwiex ibbażat fuq id-ħul mill-bejgħ globali tal-impriżi kkonċernati, li jkun hemm differenzi bejn dawn l-impriżi fir-rigward tar-relazzjoni bejn dan id-ħul mill-bejgħ u l-ammont tal-multi imposti fuqhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, Pilkington Group *et vs* Il-Kummissjoni, C-101/15 P, EU:C:2016:631, punt 64).
- 90 Mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata, fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multi, tiżgura, fil-każ fejn tali multi huma imposti fuq diversi impriżi involuti fl-istess ksur, li l-ammonti finali tal-multi jirriflettu differenza bejn l-impriżi kkonċernati fir-rigward tad-ħul mill-bejgħ globali tagħhom (ara s-sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, Pilkington Group *et vs* Il-Kummissjoni, C-101/15 P, EU:C:2016:631, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 91 Fir-rigward tal-allegat ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament invokat mir-rikorrenti, għandu jiġi rrilevat li d-differenza fil-perċentwali li tirrappreżenta l-multa fid-ħul mill-bejgħ totali tal-impriżi kkonċernati ma tistax fiha nnifisha tikkostitwixxi raġuni suffiċjenti sabiex tiġġustifika li l-Kummissjoni titbiegħed mill-metodu ta' kalkolu li hija stess iffissat. Fil-fatt, dan ikun ta' benefiċċju għal ċerti impriżi abbażi ta' kriterju li huwa mingħajr rilevanza fir-rigward tal-gravità u tat-tul tal-ksur. Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multi, ma tistax issir, permezz ta' metodi ta' kalkolu differenti, diskriminazzjoni bejn l-impriżi li pparteċipaw fi ftehim jew fi prattika miftiehma li jiksru l-Artikolu 101(1) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, Pilkington Group *et vs* Il-Kummissjoni, C-101/15 P, EU:C:2016:631, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 92 L-eżiżenza ta' diverġenzi allegati bejn, minn naħa, ir-relazzjoni bejn il-multi imposti fuq ir-rikorrenti u d-ħul mill-bejgħ totali tagħhom u, min-naħa l-oħra, dik bejn il-multi imposti fuq l-impriżi l-oħra kkonċernati u d-ħul mill-bejgħ tagħhom għalhekk ma tistax turi li d-deċiżjoni kkontestata għiet adottata bi ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament.
- 93 Barra minn hekk, fir-rigward tal-argument li l-ammont baxx tal-multa imposta fuq il-kumpanniji tal-grupp Vitembal fid-deċiżjoni tal-2015 juri li d-deċiżjoni kkontestata għiet adottata bi ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jeżiġi li sitwazzjonijiet paragħunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, Guardian Industries u Guardian Europe *vs* Il-Kummissjoni, C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 51).

- 94 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jallegawx li l-Kummissjoni applikat metodi ta' kalkolu differenti għall-impriżi kkonċernati. Fil-fatt, l-uniku element imressaq mir-rikorrenti, li jikkonċerna l-ammont totali tal-multi imposti fuq l-entitajiet ikkonċernati meta mqabel mad-dħul mill-bejgħ totali rispettiv tagħhom, huwa, kif ġie indikat fil-punt 92 iktar 'il fuq, insuffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-allegata diskriminazzjoni. Peress li r-rikorrenti ma invokaw ebda element ieħor dwar iċ-ċirkustanzi fattwali u legali li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-kalkolu tal-ammont tal-multi, għandu jiġi kkonstatat li huma baqgħu ma wrewx li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanniji l-oħra kkonċernati, b'mod partikolari l-kumpanniji tal-grupp Vitembal, kienet paragħunabbli mas-sitwazzjoni tagħhom stess, b'tali mod li, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 93 iktar 'il fuq, l-argument tagħhom għandu jiġi miċħud.
- 95 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, l-argumenti tar-rikorrenti ma jurux li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat b'mod separat, għal kull ksur, il-limitu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ iffissat fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003.
- 96 Għaldaqstant, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat, esenzjalment, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u fuq żabalji manifesti ta' evalwazzjoni tal-kapaċità kontributtiva tar-rikorrenti

- 97 Ir-rikorrenti jinvokaw insuffiċjenza ta' motivazzjoni tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kapaċità kontributtiva tagħhom u jikkritikaw lil din tal-aħħar biżżejjed manifesti ta' evalwazzjoni ta' din il-kapaċità kontributtiva.
- 98 Il-Kummissjoni tikkontesta dan l-argument.
- 99 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-punt 35 tal-Linji Gwida tal-2006 jipprovdi, taħt it-titolu "Kapaċità kontributtiva":
- "F'ċirkustanzi eċċeżżjonali, il-Kummissjoni tista', fuq talba, tieħu inkunsiderazzjoni l-assenza ta' kapaċità kontributtiva ta' impriżza f'kuntest soċjali u ekonomiku partikolari. Il-Kummissjoni ma hijiex ser tnaqqas multa għal din ir-raġuni fuq il-bażi ta' semplice konstatazzjoni ta' sitwazzjoni finanzjarja sfavorevoli jew ta' defiċit. Tnaqqis jista' jingħata biss fuq il-bażi tal-provi oġġettivi li l-impożizzjoni ta' multa, fil-kundizzjonijiet stabbiliti mill-preżenti [l]inji gwida, jipperikolaw b'mod irrimedjabbli l-vijabbiltà ekonomika tal-impriżza kkonċernata u twassal li ttellef l-assi tagħha mill-valur kollu."
- 100 Skont ġurisprudenza stabbilita, billi adottat regoli ta' kondotta bħal-linji gwida u billi stqarret permezz tal-pubblikazzjoni tagħhom li hija kienet ser tapplikahom minn hemm 'il quddiem għall-każijiet li jaqgħu taħthom, il-Kummissjoni għamlet restrizzjoni fuqha nnifisha fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonal tagħha u ma tistax tmur kontra dawn ir-regoli mingħajr ma ssib ruħha li qed twettaq ksur, skont il-każ, tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, bħal dawk ta' ugwaljanza fit-trattament jew ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Westfälische Drahtindustrie et vs Il-Kummissjoni, T-393/10, EU:T:2015:515, punt 287 u l-ġurisprudenza ċċitat).
- 101 Barra minn hekk, skont il-punt 35 tal-Linji Gwida tal-2006, tnaqqis tal-multa jista' jingħata biss f'ċirkustanzi eċċeżżjonali u taħt il-kundizzjonijiet li huma ddefiniti f'dawn il-linji gwida. B'hekk, minn naħħa, għandu jintwera li l-multa imposta "tippreġġudika irrimedjabbilment il-vijabbiltà ekonomika tal-impriżza kkonċernata u twassal għat-telf totali tal-assi tagħha". Min-naħħa

l-oħra, l-eżistenza ta' "kuntest ekonomiku u soċjali partikolari" għandha wkoll tiġi stabbilita. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li dawn iż-żewġ settijiet ta' kundizzjonijiet ġew stabbiliti minn qabel mill-qrati tal-Unjoni (sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Westfälische Drahtindustrie *et vs* Il-Kummissjoni, T-393/10, EU:T:2015:515, punt 288).

- 102 Fir-rigward tal-ewwel grupp ta' kundizzjonijiet, ġie deċiż li l-Kummissjoni ma hijiex, bħala regola, obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni, meta tiddetermina l-ammont tal-multa li għandha tiġi imposta għal ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni, il-qagħda finanzjarja ta' defiċit ta' impriżza, peress li r-rikonoxximent ta' dan l-obbligu jwassal sabiex jingħata vantaġġ kompetittiv ingūstifikat lill-impriżzi li huma l-inqas adatti għall-kundizzjonijiet tas-suq (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Westfälische Drahtindustrie *et vs* Il-Kummissjoni, T-393/10, EU:T:2015:515, punt 289 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 103 Fil-fatt, li kieku kellu jkun hekk, ikun hemm ir-riskju li dawn l-impriżza jingħataw vantaġġ għad-detriment ta' impriżzi oħra iktar effiċjenti u mmexxija aħjar. B'dan il-fatt, is-sempliċi konstatazzjoni ta' qagħda finanzjarja sfavorevoli jew ta' defiċit tal-impriżza kkonċernata ma hijiex bizzżejjed sabiex issir talba li titlob lill-Kummissjoni tikkunsidra n-nuqqas tal-kapaċità kontributtiva tagħha sabiex tagħti tnaqqis ta' multa (sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Westfälische Drahtindustrie *et vs* Il-Kummissjoni, T-393/10, EU:T:2015:515, punt 290).
- 104 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, il-fatt li miżura adottata minn awtorità tal-Unjoni tipprovoka l-falliment jew l-istralċ ta' impriżza partikolari ma huwiex prekluż, bħala tali, mid-dritt tal-Unjoni. Għalkemm tali tranżazzjoni tista' tippreggudika l-interessi finanzjarji tal-proprjetarji jew tal-azzjonisti, madankollu dan ma jfissirx li l-elementi personali, materjali u immaterjali rrappreżentati mill-impriżza wkoll jitilfu l-valur tagħhom (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Westfälische Drahtindustrie *et vs* Il-Kummissjoni, T-393/10, EU:T:2015:515, punt 291 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 105 Minn din il-ġurisprudenza jista' jiġi dedott li hija s-sempliċi ipoteżi ta' telf tal-valur tal-elementi personali, materjali jew immaterjali rrappreżentati minn impriżza, fi kliem ieħor, tal-attiv tagħha, li tista' tiġġustifika t-teħid inkunsiderazzjoni, waqt l-iffissar tal-ammont tal-multa, tittieħed inkunsiderazzjoni, l-eventwalità tal-falliment jew tal-likwidazzjoni tagħha, wara l-impożizzjoni ta' din il-multa (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Westfälische Drahtindustrie *et vs* Il-Kummissjoni, T-393/10, EU:T:2015:515, punt 292 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 106 Fil-fatt, l-istralċ ta' kumpannija mhux neċċessarjament jimplika t-tmiem tal-impriżza inkwistjoni. Din tista' tibqa' teżisti bħala tali, kemm fil-każ ta' rikapitalizzazzjoni tal-kumpannija, u kemm fil-każ ta' rkupru globali tal-elementi tal-assi tagħha minn entità oħra. Tali rkupru jista' jintervjeni jew permezz ta' xiri mill-ġdid volontarju, jew inkella minn bejgħ forzat tal-assi tal-kumpannija bit-tkompliha tal-operat (sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Westfälische Drahtindustrie *et vs* Il-Kummissjoni, T-393/10, EU:T:2015:515, punt 293).
- 107 Għalhekk ir-riferiment li sar, fil-punt 35 tal-Linji Gwida tal-2006, għall-privatizzazzjoni tal-assi tal-impriżza kkonċernata tal-valur kollu għandu jinftiehem fis-sens li jirrigwarda s-sitwazzjoni fejn l-irkupru tal-impriżza fiċ-ċirkustanzi msemmija fil-punt 106, jidher improbabbli, jew saħansitra imposibbli. F'tali ipoteżi, l-elementi li jiffurmaw l-assi ta' din l-impriżza jiġu offruti għall-bejgħ separatament u huwa probabbli li ħafna minnhom ma jinxtrawx jew, aħjar, jinbiegħu bi prezzi imnaqqas ħafna (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Westfälische Drahtindustrie *et vs* Il-Kummissjoni, T-393/10, EU:T:2015:515, punt 294 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 108 Fir-rigward tat-tieni grupp ta' kundizzjonijiet, relatati mal-eżistenza ta' kunttest ekonomiku u soċjali partikolari, dan jirreferi, skont il-ġurisprudenza, għall-konsegwenzi li l-pagament tal-multa jista' jgħib miegħu, b'mod partikolari fil-livell ta' żieda tal-qgħad jew ta' deterjorazzjoni tas-setturi ekonomiċi l fuq jew 'l ifsel tal-impriża kkonċernata (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Westfälische Drahtindustrie *et vs* Il-Kummissjoni, T-393/10, EU:T:2015:515, punt 295 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 109 Għalhekk, jekk il-kundizzjonijiet kumulattivi msemmija preċedentament jiġu ssodisfatti, l-impożizzjoni ta' multa li tista' tikkawża t-tmien ta' impriża tkun kuntrarja għall-ġhan segwit mill-punt 35 tal-Linji Gwida tal-2006. L-applikazzjoni tal-imsemmi punt għall-impriżi kkonċernati tikkostitwixxi, b'dan il-mod, applikazzjoni konkreta tal-prinċipju ta' proporzjonalità fil-qasam tas-sanzjonijiet tal-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Westfälische Drahtindustrie *et vs* Il-Kummissjoni, T-393/10, EU:T:2015:515, punt 296 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 110 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandhom jiġu evalwati l-argumenti tar-rikorrenti li jikkontestaw il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata.
- 111 F'dan il-każ, fil-punt 3.4.2 tad-deċiżjoni kkontestata, wara li wettqet analiżi ekonomika u finanzjarja tal-kapaċità kontributtiva tar-rikorrenti u tal-effett ta' multa eventwali fuq il-vijabbiltà ekonomika tagħhom, il-Kummissjoni kkonkludiet, fil-premessa 90 tal-imsemmija deċiżjoni, li, minkejja l-indizji dgħajfa ta' solvenza u ta' profittabbilità tal-grupp CCPL u d-daqqs tal-ammont totali tal-multi kontenzjużi meta mqabbla mad-daqqs tal-grupp, l-imsemmi grupp kellu likwidità suffiċjenti sabiex iħallas l-ammont totali tal-imsemmija multi u li l-probabbiltà li l-vijabbiltà ekonomika ta' dan il-grupp huwa fih innifsu mhedded kien baxx.
- 112 Insostenn tal-konstatazzjoni tagħha dwar l-eżistenza ta' likwidità suffiċjenti, il-Kummissjoni indikat qabelxejn, fil-premessa 90(a) tad-deċiżjoni kkontestata li, matul is-snin 2018 u 2019, il-grupp CCPL kien ippreżenta bilanċi ta' likwidità sinjifikattivi, li kienu jammontaw rispettivament għal EUR 18.6 miljun u għal EUR 22.8 miljun. Fil-premessa 90(b) tal-imsemmija deċiżjoni, hija esponiet li l-bilanċ medju tal-assi likwidati tal-imsemmi grupp għall-perijodu 2014–2018, jiġifieri madwar 11.6 % tad-dħul mill-bejgħ annwali medju ta' dan il-grupp, kien jikkostitwixxi indizju tajjeb li jippermetti li jiġi dedott li l-livell ta' likwidità kien suffiċjenti sabiex jiġu onorati l-impenji u l-ispejjeż għal żmien qasir, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attività u jiġu evitati nuqqasijiet temporanji ta' likwidità. Fil-premessa 90(c) ta' din id-deċiżjoni, hija indikat li l-istess konklużjoni setgħet tinsilet billi wieħed jibbażza ruħu fuq il-proporzjon tal-bilanċ tal-likwidità/bejgħ. Fil-premessa 90(d) tal-istess deċiżjoni, hija rrilevat li, peress li l-likwidità kienet ta' spiss miżmuma mill-kumpanniji holding tal-grupp inkwistjoni, li prattikament ma kellhomx persunal u kienu jiksbu dħul mill-bejgħ baxx ħafna, huwa improbabbli li l-ħlas tal-multa permezz ta' likwidità disponibbli fil-livell tal-grupp jikkomprometti l-vijabbiltà ekonomika taż-żewġ kumpanniji prinċipali tal-operat tal-grupp. Fil-premessa 90(e) tad-deċiżjoni kkontestata, hija enfasizzat li, fl-osservazzjonijiet tagħha u fir-risposti tagħha, CCPL ma kienet semmiet l-ebda bżonn spċificu ta' likwidità sabiex tiffaċċja d-diffikultajiet li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19 u lanqas sabiex issegwi l-pjan ta' ristrutturazzjoni għall-perijodu ta' bejn l-2020 u l-2023. Fl-aħħar nett, fil-premessa 90(f) tad-deċiżjoni kkontestata, hija indikat li, minkejja li kienet espliċitament talbet lil CCPL tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kapaċità ta' dan il-grupp li jużże riżorsi finanzjarji sabiex iħallas il-multi, hija la rrispondiet u lanqas indikat ir-raġuni għalfejnej hija ma setgħetx tuża l-likwidità disponibbli fil-livell tal-grupp għal dan il-ħlas. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni żiedet li kelleu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll

l-ammont ta' EUR 5 942 084 li hija kienet irrimborsat lil CCPL fis-7 ta' Ottubru 2019, b'eżekuzzjoni tas-sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, CCPL et vs Il-Kummissjoni (T-522/15, mhux ippubblikata, EU:T:2019:500).

Fuq l-ewwel parti tat-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

- 113 Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li d-deċiżjoni kkontestata ma tinkludix motivazzjoni tal-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-kapital nett negattiv tagħhom, tan-natura suffiċjenti tal-likwidità tal-grupp CCPL minkejja d-debiti kbar tiegħu, tal-effett tad-data prospettiva pprovduta fuq Coopbox Group u fuq Coopbox Eastern fil-qasam tal-likwidità u lanqas tal-analiżi mwettqa mir-rikorrenti fit-tweġiba tagħhom għall-ħames talba għal informazzjoni dwar in-natura sostenibbli tal-multa.
- 114 Il-Kummissjoni tikkontesta dan l-argument.
- 115 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 296 TFUE għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha tindika b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, li tkun l-awtur tal-att, b'mod li jippermetti lill-persuni kkonċernati jidtentifikaw il-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u lill-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha. Ir-rekwiżiż ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari fid-dawl tal-kontenut tal-att, tan-natura tal-motivi invokati u tal-interess li jista' jkollhom id-destinatarji jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment mill-att li jirċievu spjegazzjonijiet. Ma huwiex rikjest li l-motivazzjoni tispeċifika l-fatti u l-elementi ta' dritt rilevanti kollha, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE għandu jiġi evalwat fir-rigward mhux biss tal-kliem tiegħu, iżda wkoll mill-kuntest tiegħu kif ukoll mir-regoli ġuridiċi kollha li jirregolaw is-suġġett ikkonċernat (ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2015, Philips vs Il-Kummissjoni, T-92/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:605, punt 102, u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 116 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-premessa 90 tad-deċiżjoni kkontestata, imfakkra fil-punt 112 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni mmotivat b'mod ċar u inekwivoku l-konstatazzjoni li r-rikorrenti ma kinux urew li huma ma setgħux jużaw il-likwidità tal-grupp CCPL sabiex iħallsu l-multi mingħajr ma jikkontestaw il-vijabbiltà tagħhom. L-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tad-data prospettiva dwar il-likwidità ta' Coopbox Group u ta' Coopbox Eastern tirriżulta, min-naħħa tagħha, mill-premessa 86 u 92 tad-deċiżjoni kkontestata, li jirriproduċu parżjalment l-elementi prodotti mir-rikorrenti fir-risposta tagħhom għall-ħames talba għal informazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma għandhiex obbligu ġenerali li tiddeċiedi, fl-imsemmija deċiżjoni, fuq id-dokumenti kollha jew fuq l-informazzjoni kollha li hija talbet lill-partijiet matul il-proċedura amministrattiva.
- 117 Fil-fatt, il-Kummissjoni ma hijiex marbuta tieħu pożizzjoni fuq l-argumenti kollha invokati quddiemha mill-persuni kkonċernati, iżda huwa suffiċjenti li tesponi l-fatti u l-kunsiderazzjoni ġuridiċi ta' importanza essenzjali fl-iskema ġenerali tad-deċiżjoni (ara s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2015, Philips vs Il-Kummissjoni, T-92/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:605, punt 103 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 118 Għaldaqstant, l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kapaċità kontributtiva tar-rikorrenti ma hijiex ivvizzjata minn motivazzjoni insuffiċjenti.
- 119 Għalhekk, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infodata.

Fuq it-tieni parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni tal-kapaċità kontributtiva tar-rikorrenti

- 120 Prelimarjament, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 102 sa 107 iktar 'il fuq, sabiex jiġi stabbilit li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni tal-kapaċità kontributtiva tagħhom, huma r-rikorrenti li għandhom juru li, kuntrajamento ġħal dak li qieset il-Kummissjoni, il-ħlas tal-multi ta' ammont totali ta' EUR 9 441 000 jipperikola b'mod irrimedjabbli l-vijabbiltà ekonomika tagħhom u jwassal sabiex l-assi tagħhom jiġu mċaħħda minn kull valur.
- 121 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-konstatazzjonijiet magħmula fil-premessa 90(a), (e) u (f) tad-deċiżjoni kkontestata, li skonthom huma ma pprovdex id-data prospettiva mitluba għall-perijodu ta' bejn l-2020 u l-2023, li jiġgustika t-teħid inkunsiderazzjoni tal-likwidità disponibbli fl-2018 u fl-2019, u li l-grupp CCPL ma indikax għalfejn ma setax juża l-likwidità disponibbli fil-livell tal-grupp sabiex iħallas il-multa, huma fattwalment žabaljati.
- 122 Qabel kollex, ir-rikorrenti jfakkru l-kontenut tal-korrispondenza tagħhom mal-Kummissjoni sabiex jikkontestaw il-konstatazzjoni magħmula fid-deċiżjoni kkontestata li CCPL ma semmiet l-ebda bżonn spċificu ta' likwidità sabiex tiffaċċja d-diffikultajiet li jirriżultaw mill-pandemija tal-COVID-19, u lanqas sabiex issegwi l-pjan ta' ristrutturazzjoni għall-perijodu ta' bejn l-2020 u l-2023.
- 123 Sussegwentement, ir-rikorrenti jaffermaw li pprovdex id-data prospettiva sal-2023 għal Coopbox Group u Coopbox Eastern, li l-bejħ tagħhom kien jirrappreżenta 94 % tad-dħul mill-bejħ ikkonsolidat għas-sena finanzjarja 2019, li l-Kummissjoni ma analizzatx.
- 124 Huma jżidu, essenzjalment, li ebda data prospettiva ma kienet disponibbli għall-grupp CCPL kollu fid-data tad-deċiżjoni kkontestata, b'mod partikolari peress li l-kumpanniji l-oħra tal-grupp ma kinux joperaw iktar fis-suq u kienu sempliċement iċedu l-assi tagħhom u jużaw is-somom miksuba u dawk iddistribwiti sabiex jirrimborsaw id-djun tagħhom fil-kuntest tal-pjan ta' ristrutturazzjoni.
- 125 Fl-aħħar, ir-rikorrenti jfakkru l-kontenut tal-korrispondenza tagħhom mal-Kummissjoni sabiex jikkontestaw il-konstatazzjoni magħmula fid-deċiżjoni kkontestata li l-grupp CCPL la rrisponda u lanqas indika għaliex ma setax juża l-likwidità disponibbli fil-livell tal-grupp sabiex iħallas il-multa.
- 126 Il-Kummissjoni tikkontesta dan l-argument.
- 127 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti jirrikonox Xu li huma pprovdex biss, matul il-proċedura amministrativa, id-data prospettiva għall-perijodu ta' bejn l-2020 u l-2023 għal Coopbox Group u Coopbox Eastern, sa fejn id-data prospettiva għall-grupp CCPL kollu ma kinitx disponibbli jew rilevanti.
- 128 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata talli kkonstatat li r-rikorrenti ma kinux ipprovdex id-data prospettiva kkonsolidata mitluba għall-perijodu ta' bejn l-2020 u l-2023.
- 129 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li d-data ta' previżjoni għall-grupp CCPL kollu ma kinitx rilevanti, għandu jiġi enfasizzat li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kapaċità kontributtiva ta' grupp ta' impriżi, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni finanzjarja tal-entitajiet

kollha ta' dan il-grupp sa fejn ir-riżorsi ta' dawn l-entitajiet kollha jistgħu jintużaw sabiex jiġu indirizzati multi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Settembru 2013, Rubinetteria Cisal vs Il-Kummissjoni, T-368/10, mhux ippubblikata, EU:T:2013:460, punt 118, u tal-11 ta' Lulju 2019, Italmobiliare *et* vs Il-Kummissjoni, T-523/15, mhux ippubblikata, EU:T:2019:499, punti 180 sa 182).

- 130 Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li, kif tenfasizza l-Kummissjoni, fl-aħħar tas-sena 2019, 96 % tal-likwidità tal-grupp CCPL kienet tinsab barra minn Coopbox Group u Coopbox Eastern.
- 131 Għaldaqstant, kuntrajament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, id-data prospettiva dwar il-kumpanniji tal-grupp minbarra Coopbox Group u Coopbox Eastern, b'mod partikolari d-data dwar it-trasferiment tal-attiv, kienet rilevanti sabiex tīgi evalwata l-kapaċità kontributtiva tal-grupp CCPL.
- 132 Għall-istess raġuni, l-argument tar-rikorrenti li jgħid li r-riżorsi ta' CCPL SpA ma setgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tīgi evalwata l-kapaċità kontributtiva tal-grupp CCPL sa fejn din il-kumpannija ma kinitx destinatarja tad-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi miċħud.
- 133 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li mit-tweġibet tagħhom għat-talbiet għal informazzjoni jirriżulta li r-riżorsi finanzjarji tal-grupp CCPL ma setgħux jiġu mmobilizzati sabiex titħallas il-multa. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li r-risposta tar-rikorrenti, tal-31 ta' Lulju 2020, għall-ħames talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fl-Anness A.22 u msemmija mir-rikorrenti, sempliċement tippreżenta l-istat tad-dejn bankarju u tal-attiv nett tagħħom, kif ukoll evalwazzjoni tal-profitabbiltà, tal-kapitalizzazzjoni, tas-solvenza u tal-likwidità tal-grupp CCPL, mingħajr ma tippreżenta r-raġunijiet li għalihom ir-rikorrenti kienu jqisu li l-likwidità u r-riżorsi tal-grupp CCPL ma setgħux jiġi affettwati mill-pjan ta' ristrutturazzjoni tal-multi.
- 134 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-konstatazzjoni, magħmulu fid-deċiżjoni kkontestata, li l-grupp CCPL ma indikax għaliex ma setax juża l-likwidità disponibbli fil-livell tal-grupp sabiex iħallas il-multa hija fattwalment żbaljata.
- 135 L-argumenti tar-rikorrenti intiżi sabiex juru li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni minħabba li l-Kummissjoni bbaż-żu ruħha fuq konstatazzjonijiet fattwali żbaljati billi indikat fl-imsemmija deċiżjoni li r-rikorrenti ma kinux ipproċew id-data prospettiva kkonsolidata mitluba għall-perijodu ta' bejn l-2020 u l-2023 u li l-grupp CCPL ma kienx indika għalfejn ma setax juża l-likwidità disponibbli fil-livell tal-grupp sabiex iħallas il-multa għandhom għalhekk jiġi miċħuda.
- 136 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn il-Kummissjoni ġadet inkunsiderazzjoni l-bilanċi ta' likwidità tal-grupp CCPL għas-snin finanzjarji 2018 u 2019 mingħajr ma ġadet inkunsiderazzjoni d-djun tagħha u l-indisponibbiltà ta' dawn il-likwidità għal finijiet oħra minbarra r-imbors tad-djun tagħha impost mill-pjan ta' ristrutturazzjoni, filwaqt li dawn l-elementi li juru livell ta' passiv ħafna oħla minn dak tal-assi kienu ġew ippreżentati fid-dettall matul il-proċedura amministrattiva.
- 137 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-bilanċ medju tal-likwidità ta' bejn l-2014 u l-2018 huwa wkoll żbaljat, peress li dawn il-likwidità ma kinux jirrappreżentaw fondi immedjatament u liberament użati u li kellhom jiġi allokat iħar-imbors tad-djun tagħha impost mill-pjan ta' ristrutturazzjoni.

- 138 Għall-istess raġuni, ir-rikorrenti jindikaw ukoll li d-deċiżjoni kkontestata hija żbaljata sa fejn din hija bbażata fuq il-proporzjon tal-bilanċ tal-likwidità/bejgħ sabiex tīgi stabbilita l-eżistenza ta' likwidità li tippermetti li l-multi jitħallsu.
- 139 Fil-fatt, il-grupp CCPL issa jinkludi biss kumpanniji holding jew subholding li ma joperawx fis-suq, kumpanniji oħra mingħajr attivitā u impenjati biss fit-trasferiment tal-proprjetajiet immob bli rispettivi tagħhom, li jipproduċu likwidità kważi eskluziżvament billi jittrasferixxu l-assi tagħhom b'eżekuzzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni, u biss żewġ kumpanniji operativi (Coopbox Group u Coopbox Eastern), li huma l-uniċi li jiġi generaw fondi operattivi li jirriżultaw minn attivitā normali ta' bejgħ ta' oġġetti u ta' servizzi lil klijenti terzi.
- 140 Minn naħħa, ir-rikorrenti jippreċiżaw li l-likwidità ġġenerata mit-trasferimenti ta' assi ma hijiex disponibbli, peress li dawn huma intiżi sabiex jirrimborsaw id-dejn b'eżekuzzjoni tal-pjan ta' ristrutturazzjoni u li dawk li kellhom il-kumpanniji operattivi kienu jammontaw biss għal EUR 1.4 miljun.
- 141 Min-naħħa l-oħra, ir-rikorrenti jsostnu li l-proporzjon tal-bilanċ tal-likwidità/bejgħ ma jippermettix li tīgi evalwata l-kapaċitā li tissodisfa bżonnijiet ta' likwidità, peress li l-likwidità tiddeppendi mill-possibbiltà konkreta ta' trasferiment tal-assi residwi, mill-obbligu li talloka kważi t-trasferiment kollu lill-pjan ta' ristrutturazzjoni u min-numru żgħir kif ukoll min-nuqqas ta' attrazzjoni tal-assi li għadhom trasferibbli.
- 142 Il-Kummissjoni tikkontesta dan l-argument.
- 143 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, kif jirriżulta mill-punt 135 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma pproduċewx id-data ta' previżjoni kkonsolidata mitluba għall-perijodu ta' bejn l-2020 u l-2023 u ma indikawx għalfejn huma ma setgħux jużaw il-likwidità disponibbli fil-livell tal-grupp sabiex iħallsu l-multi imposti mid-deċiżjoni kkontestata.
- 144 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni ma tistax tīgi kkritikata li ħadet inkunsiderazzjoni l-bilanċi ta' likwidità tal-grupp CCPL għas-snin finanzjarji 2018 u 2019 mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni d-djun tagħha u l-indisponibbiltà ta' dawn il-likwidità għal finijiet oħra għajnej ir-rimbors tad-dejn impost mill-pjan ta' ristrutturazzjoni.
- 145 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 102 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma hijiex, bħala prinċipju, obbligata tieħu inkunsiderazzjoni, fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multa li għandha tīgi imposta għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, is-sitwazzjoni finanzjarja ta' defiċit ta' impriżza, peress li r-rikonoxximent ta' tali obbligu jwassal sabiex jingħata vantaġġ kompetittiv inguistikat lill-impriżi l-inqas adattati għall-kundizzjonijiet tas-suq.
- 146 Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, il-preżenza ta' elementi li juru livell ta' passiv ħafna oħla minn dak tal-assi ma hijiex biżżejjed, waħedha, sabiex turi li l-impożizzjoni ta' multi tpoġġi b'mod irrimedjabbli f'periklu l-vijabbiltà ekonomika tal-impriżzi kkonċernati u tista' ċċaħħad lill-assi tal-impriżzi kkonċernati minn kull valur fis-sens tal-punt 35 tal-Linji Gwida tal-2006.
- 147 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta mill-premessa 84 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-livell tad-dejn tar-rikorrenti fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-kapaċitā kontributtiva tagħhom.

- 148 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jikkontestaw il-possibbiltà li jintużaw, sabiex titħallas il-multa, ir-riżorsi kollha li baqgħu barra l-pjan ta' ristrutturazzjoni, li jinkludi EUR 5 942 084 mogħtija mill-Kummissjoni u msemmija fil-punt 12 iktar 'il fuq, id-dħul mill-bejgħ ta' Erzelli Energia Srl (evalwat fil-premessa 91 tad-deċiżjoni kkontestata għal EUR 1.4 miljun), u tal-bejgħ tal-ishma ta' Refincoop Srl waqt l-eventwali trasferiment ta' kumpannija.
- 149 Fil-fatt, essenzjalment, dawn ir-riżorsi li baqgħu barra mill-pjan huma l-uniċi somom disponibbli sabiex tiġi żgurata s-sopravivenza ta' Coopbox Group u ta' Coopbox Eastern, billi tippermettilhom jagħmlu investimenti fid-dawl tal-assenza ta' sorsi ta' finanzjament alternattivi.
- 150 Ir-rikorrenti jenfasizzaw ukoll li l-uniċi assi likwidi li setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, evalwati għall-perijodu ta' bejn l-2020 u l-2023 għal EUR 1.8 miljun, kienu dawk iġġenerati miż-żewġ uniċi kumpanniji operattivi tal-grupp CCPL, jiġifieri Coopbox Group u Coopbox Eastern, li kellhom kapaċità limitata ħafna sabiex jiġġeneraw flussi ta' likwidità li jistgħu jiġu affettwati għal finijiet oħra għajnej il-ġestjoni tal-operat. Ir-rikorrenti jindikaw f'dan ir-rigward li l-assi likwidi ta' Coopbox Group u ta' Coopbox Eastern ma humiex bizzarejjed sabiex ikopru l-operazzjonijiet ta' ġestjoni kurrenti tagħhom.
- 151 Skont ir-rikorrenti, il-ħlas tal-multi, b'mod partikolari permezz tal-użu tar-riżorsi mhux koperti mill-pjan ta' ristrutturazzjoni, jiġi prekludi lil dawn il-kumpanniji milli jħallsu ċerti spejjeż operattivi indispensabbi, iżda wkoll milli jagħmlu investimenti neċċessarji għall-modernizzazzjoni tal-fabbriki tagħhom, għall-iżvilupp tat-teknoloġiji tagħhom u għas-sopravivenza tagħhom.
- 152 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jikkontestaw il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni, magħmulu fil-premessa 90(d) tad-deċiżjoni kkontestata, li tgħid li huwa improbabbli li l-ħlas tal-multa permezz ta' likwidità disponibbli fil-livell tal-grupp jikkomprometti l-vijabbiltà ekonomika taż-żewġ kumpanniji operattivi prinċipali tal-grupp.
- 153 L-ewwel, ir-rikorrenti jenfasizzaw li l-likwidità tal-31 ta' Diċembru 2019 tirrappreżenta bilkemm wieħed minn sitta tal-uniku dejn finanzjarju li miegħu għandu jiżdied dejn mhux finanzjarju, inklużi d-djun dovuti lill-fornitura.
- 154 It-tieni, ir-rikorrenti jfakkru li kważi l-grupp CCPL kollu huwa kompost minn kumpanniji li ma għadhomx attivi fis-suq, ma jiġi generawx dħul u jiddedikaw il-likwidità żgħira ħafna residwa tagħhom għall-kwistjonijiet kurrenti fid-dawl tat-tlestija tal-pjan ta' ristrutturazzjoni.
- 155 It-tielet, il-fatt li ż-żewġ kumpanniji operattivi (Coopbox Group u Coopbox Eastern) għandhom dejn finanzjarju iktar minn għaxar darbiet ogħla mill-valur tal-likwidità tagħhom, li ma humiex bizzarejjed sabiex ikopru l-operazzjonijiet ta' ġestjoni kurrenti, irendi neċċessarju l-konsum ta' likwidità min-naħħa ta' CCPL, b'tali mod li l-assenjazzjoni tal-likwidità tal-kumpanniji holding għall-ħlas tal-multa tkun neċċessarjament ta' ħsara għall-profittabbli ta' Coopbox Group u ta' Coopbox Eastern.
- 156 Il-Kummissjoni tikkontesta dan l-argument.
- 157 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, konformément mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 101 iktar 'il fuq, sabiex jingħata tnaqqis tal-multa skont il-punt 35 tal-Linji Gwida tal-2006, għandu jintwera li l-multa imposta tipperikola b'mod irrimedjabbli l-vijabbiltà ekonomika tal-impriżza kkonċernata u twassal sabiex l-assi tagħha jiġu mċaħħda minn kull valur.

- 158 Peress li tnaqqis tal-multa jista' jiġi ġġustifikat biss mill-għan li tiġi evitata li tiġi pperikolata b'mod irrimedjabbli l-vijabbiltà ekonomika tal-impriża kkonċernata u li l-assi tagħha jiġu mċaħħda minn kull valur, l-intenzjoni li jsiru investimenti intiżi sabiex jiżviluppaw il-kumpanniji operattivi tal-grupp CCPL jew pagamenti intiżi sabiex ma jippreġudikawx il-vijabbiltà ekonomika tagħhom ma tistax, bħala princiċju, tiġġustifika tali tnaqqis.
- 159 Fil-fatt, ir-rikorrenti ma allegawx li tali investimenti kienu indispensabli għall-funzjonament tagħhom u li ma setgħux jiġu ddiversifikati mingħajr ma dan irrimedjabbilment jipperikola l-vijabbiltà ekonomika tal-kumpanniji kkonċernati. L-istess japplika għall-ħlasijiet imwettqa sabiex ma ssirx ħsara għall-profittabbiltà tal-impriża kkonċernati.
- 160 Minn dan jirriżulta li l-argument tar-rikorrenti dwar in-neċessità li jiġu allokati r-riżorsi mhux koperti mill-pjan ta' ristrutturazzjoni għat-twa' ta' investimenti favur Coopbox Group u Coopbox Eastern sabiex jiġi żgurat il-funzjonament jew il-profittabbiltà tagħhom għandu jiġi miċħud.
- 161 Bl-istess mod, l-argumenti li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-kapital operatorju nett negattiv tal-grupp CCPL, billi qieset li l-provvista ta' EUR 16.4 miljun prevista fil-baġit tal-2018 sabiex jitħallsu l-multi ma tistax tiġi kkunsidrata bħala likwidità ġdida, jew fuq l-effett iktar qawwi tal-multi fuq id-dħul mill-bejgħ tagħhom f'valur relativi meta mqabbla mal-multi imposti fid-Deċiżjoni tal-2015, għandhom jiġu miċħuda.
- 162 Fil-fatt, l-elementi identifikati mill-Kummissjoni fil-premessa 90 tad-deċiżjoni kkontestata u mfakkra fil-punt 112 iktar 'il fuq, bħall-bilanċi ta' flus għall-2018 u l-2019 rispettivament, li jammontaw għal EUR 18.6 miljun u għal EUR 22.8 miljun rispettivament, il-bilanċ medju tal-likwidità għall-perijodu 2014 sa 2018, jiġifieri madwar 11.6% tad-dħul mill-bejgħ annwali medju tal-grupp, li ma humiex ikkонтestati b'mod utli mir-rikorrenti, jikkostitwixxu, hekk kif qieset il-Kummissjoni, indikatur tajjeb sabiex jiġi dedott li l-livell ta' likwidità kien biżżejjed biex jiġu onorati l-impenji u l-ispejjeż għal żmien qasir, tiġi żgurata l-kontinwitā tal-operat u jiġu evitati nuqqasijiet temporanji ta' likwidità.
- 163 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li, wara li ġew informati mill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tadotta deċiżjoni ġdida li timponilhom multi, ir-rikorrenti rċevel, fis-7 ta' Ottubru 2019, is-somma ta' EUR 5 942 084 bħala rimbors tas-somma li huma kienu ħallsu provviżorjament b'eżekuzzjoni tad-digriet tal-15 ta' Diċembru 2015, CCPL et vs Il-Kummissjoni (T-522/15 R, EU:T:2015:1012). Minn dan jirriżulta li l-ammont addizzjonali li għandu jitħallas sabiex tintlaħaq is-somma totali tal-multi inkwistjoni jammonta għal inqas minn EUR 3.5 miljun.
- 164 Fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja globali tal-grupp CCPL, u b'mod partikolari tal-eżistenza ta' riżorsi mhux koperti mill-pjan ta' ristrutturazzjoni li ma huwiex utilment ikkонтestat mir-rikorrenti, l-argumenti ta' dawn tal-aħħar ma humiex ta' natura li juru li l-ħlas tal-multi seta' jipperikola b'mod irrimedjabbli l-vijabbiltà ekonomika tal-grupp CCPL.
- 165 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li l-allegazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li l-likwidità ġġenerata minn Coopbox Group u Coopbox Eastern ma hijiex suffiċċenti sabiex tkopri l-operazzjonijiet ta' ġestjoni kurrenti tagħhom ma hijiex issostanzjata biżżejjed, b'tali mod li ma tistax tiġi kkunsidrata bħala stabbilita mill-Qorti Ġenerali.

- 166 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-rikorrenti baqgħu ma urewx li, kuntrarjament għal dak li kkunsidrat il-Kummissjoni, il-ħlas tal-multi ta' ammont totali ta' EUR 9 441 000 jipperikola b'mod irrimedjabbli l-vijabbiltà ekonomika tagħhom u jwassal sabiex l-assi tagħhom jiġu mċaħħda minn kull valur.
- 167 Għaldaqstant, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud.
- 168 Sussidjarjament, ir-rikorrenti jitkolu lill-Qorti Ġenerali twettaq kalkolu ġdid tal-ammont tal-multi imposti mid-deċiżjoni kkontestata skont il-kapaċità kontributtiva reali tagħhom.
- 169 Madankollu, sa fejn l-argumenti invokati mir-rikorrenti insostenn tat-tielet motiv tagħhom ma urewx li d-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni u lanqas ma invokaw żvilupp sostanzjali tas-sitwazzjoni tagħhom, b'mod partikolari dak ekonomiku, wara l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, ma hemmx lok, għall-Qorti Ġenerali, li teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha.

Fuq l-ispejjeż

- 170 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tbat l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-rikorrenti tilfu, hemm lok li huma jiġu kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni, skont it-talbiet ta' din tal-aħħar, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla Estiżza)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) CCPL - Consorzio Cooperative di Produzione e Lavoro SC, Coopbox Group SpA u Coopbox Eastern s.r.o. għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħhom, l-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea, inklużi dawk marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.

Papasavvas

Costeira

Kancheva

Zilgalvis

Dimitrakopoulos

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-7 ta' Diċembru 2022.

Firem